MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 377/2005

**Antoine Vassallo (ID No: 825847M) ezercenti n-negozju Antoine Vassallo Auto Dealer**

**Vs**

**Anthony u Theresa konjugi Scicluna**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mitejn u sitta u sittin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,266.43c) rapprezentanti l-import ta' hdax-il (11) kambjala ghall-valur ta' mija u hmistax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm115.13c) liema kambjali gew iffirmati w accettati mill-konvenuti u li minkejja li skadew id-dati ta' maturita' taghhom, baqghu ma thallsux.

Ra r-Risposta tal-konvenuti li biha wiegbu li l-ammont mitlub huwa wiehed inverosimili u li l-hdax-il (11) kambjala msemmija fit-talba fil-fatt gew imhallsa – sitta (6) fis-sena 2003 u ammont ulterjuri ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) permezz ta' kambjala datata 4 ta' Frar, 2005.

Illi ta' dan kollu ghandhom provi u xhieda kif ser johrog fil-kawza u li ghaldaqstant it-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra li ghas-seduta tal-10 ta' Marzu, 2005 dehru Dr Anthony Cutajar ghall-attur u l-konvenut Anthony Scicluna li nforma lit-Tribunal li l-avukata tieghu hija Dr Louise Anne Pulis.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2005 dehru Dr Anthony Cutajar u Anthony Scicluna u xehdet bil-gurament Mariolina Schembri.  Il-kawza dakinhar thalliet ghall-provi tal-konvenuti ghall-4 t'Ottubru, 2005.

Ra illi fl-4 t'Ottubru, 2005 deher biss Dr Anthony Cutajar u la dehru l-konvenuti u lanqas l-avukata taghhom u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Ra x-xhieda ta' Mariolina Schembri u l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

L-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu elf mitejn u sitta u sittin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm1,266.43c) rapprezentanti l-import ta' hdax-il (11) kambjala.  Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi wara l-prezentata tal-kawza l-konvenuti hallsu hames mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm576) u fil-fatt fl-atti gew esebiti biss sitt (6) kambjalijiet originali li huma lkoll ghas-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm115.13c)-il wahda, liema kambjalijiet immaturaw bejn it-23 ta' Lulju, 2004 u t-23 ta' Dicembru, 2004 u komplessivament jammontaw ghal sitt mija u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm690.78c).

Mix-xhieda ta’ Mariolina Schembri jissemma’ li l-konvenuti qed jallegaw li huma hallsu xi flus lill-kollettura ta’ l-attur, Sue Bartolo. La xehdet Sue Bartolo u lanqas ma xehdu l-konvenuti u ghalhekk l-ebda konkluzjoni ma tista’ tingieb minn din l-allegazzjoni. F’kull kaz ser tigi riservata l-pozizzjoni tal-konvenuti fil-konfront ta’ Sue Bartolo *si et quatenus*.

Illi ghalhekk it-talba ta’ l-attur tisthoqq li tigi akkolta limitament ghas-somma fuq imsemmija ta’ sitt mija u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm690.78c).

Stante li l-pagament ta’ hames mija u sitta u sebghin lira Maltin (Lm576) thallas fil-mori tal-kawza, dan m’ghandux ikollu rifless fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ sitt mija u disghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm690.78c) bl-imghax legali mid-data rispettiva ta’ kull kambjala u bl-ispejjez. Qed tigi riservata kull azzjoni li talvolta tista’ tkun spettanti mill-konvenuti fil-konfront ta’ l-imsemmija Sue Bartolo f’kaz li jirrizulta li saru xi hlasijiet lilha u li ma gewx ikkreditati fil-kont tal-konvenuti ma’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------